



Il-Kummissjoni  
Ewropea

# L-ISTUDJU U T-TAĦRIĠ FIR-RENJU UNIT F'KAŻ LI MA JINTLAĦAQ “L-EBDA FTEHIM”

Marzu 2019

F'każ li ma jintlaħaq l-ebda ftehim, għandek tkun taf ukoll li bħala ċittadin tal-UE li qed tistudja jew titħarreġ fir-Renju Unit, se tkun suġġett għar-**regoli tar-Renju Unit dwar ir-residenza**.

Il-[Gvern tar-Renju Unit](#) [ħabbar](#) li m'għandekx bżonn tapplika għal xi status ta' immigrazzjoni jew viża jekk m'għandekx il-ħsieb li toqgħod fir-Renju Unit għal aktar minn 3 xhur. Madankollu, se jkun jeħtiegħek tapplika għal Liv Temporanju Ewropew biex tibqa' għal aktar minn 3 xhur<sup>1</sup>.




## Jien studenta tal-Erasmus+ li qed nistudja f'università fir-Renju Unit. Peress li r-Renju Unit se joħroġ mill-Unjoni Ewropea, l-iskambju edukattiv tiegħi se jkollu jieqaf?

Le. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu dwar Regolament li jiżgura li l-iskambji tal-mobilità tat-tagħlim li għaddejjin bħalissa ma jiġux interrotti.

Ir-Regolament ikun japplika għal studenti fl-edukazzjoni ogħla, apprendisti u studenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, żgħażaġh f'attivitajiet ta' tagħlim mhux formali, persunal fl-edukazzjoni u t-taħriġ, persuni attivi fix-xogħol taż-żgħażaġh u mexxejja taż-żgħażaġh.

Madankollu, għandek tinnota li r-Regolament ikopri biss skambji ta' tagħlim li jibdew qabel id-data tal-ħruġ.



## Jien ppjanajt li mmur f'università tar-Renju Unit wara l-ħruġ tar-Renju Unit bħala student ta' Erasmus+. Xorta nista' mmur?

Il-pjanijiet tiegħek għall-iskambju ta' tagħlim jistgħu jiġu affettwati. Madankollu, il-Kummissjoni ppreżentat proposta leġiżlattiva li, jekk tiġi adottata, tippermetti lill-UE tkompli tiffinanzja Erasmus+ fir-Renju Unit matul l-2019. Jekk tistax tkompli jiddependi fuq numru ta' fatturi, eż. li r-Renju Unit ikompli jħallas lill-baġit tal-UE għall-2019, fuq l-organizzazzjonijiet ospitanti tar-Renju Unit (fl-każ tiegħek l-università) u jekk l-attivitajiet jintemmu sal-31 ta' Diċembru 2019.

Għandek tiċċekkja dan direttament mal-università.

<sup>1</sup> <https://www.gov.uk/guidance/european-temporary-leave-to-remain-in-the-uk>



## L-iskola tiegħi qed tiegħu sehem fi proġett ta' kooperazzjoni ma' skola tar-Renju Unit, iffinanzjat minn Erasmus+. Il-proġett tagħna se jkompli wara l-ħruġ tar-Renju Unit?

Il-proġett ta' kooperazzjoni jista' jkun affettwat peress li, mid-data tal-ħruġ, l-imsieħeb tar-Renju Unit mhux se jkun aktar eliġibbli għall-finanzjament taħt il-programm Erasmus+.

Madankollu, il-Kummissjoni ppreżentat proposta leġiżlattiva biex tindirizza s-sitwazzjoni. Jekk dik il-proposta tiġi adottata u jekk ir-Renju Unit jissodisfa ċerti kundizzjonijiet, il-proġett jista' jkompli jiġi ffinanzjat fl-2019.

Għandek tiċċekkja dan mal-[Aġenzija Nazzjonali tal-Erasmus+](#)<sup>2</sup> tiegħek.



## L-organizzazzjoni tiegħi hija parti minn proġett kulturali kontinwu, iffinanzjat taħt il-Programm Ewropa Kreattiva. Il-proġett jinkludi sieħeb mir-Renju Unit. Dan il-proġett jista' jkompli wara d-data tal-ħruġ?

Il-proġett ta' kooperazzjoni jista' jkun affettwat peress li, mid-data tal-ħruġ, l-imsieħeb tar-Renju Unit mhux se jkun aktar eliġibbli biex jipparteċipa fil-programm Ewropa Kreattiva.

Madankollu, il-Kummissjoni ppreżentat proposta leġiżlattiva biex tindirizza s-sitwazzjoni. Jekk dik il-proposta tiġi adottata u jekk ir-Renju Unit jissodisfa ċerti kundizzjonijiet, il-proġett jista' jkompli jiġi ffinanzjat fl-2019.

Għandek tiċċekkja dan mad-[Desk tal-Ewropa Kreattiva](#)<sup>3</sup> fl-Istat Membru tiegħek.



## Jien riċerkatur li qed iwettaq riċerka f'organizzazzjoni tar-riċerka fir-Renju Unit bl-appoġġ finanzjarju tal-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie. Dan il-proġett jista' jkompli wara d-data tal-ħruġ?

Il-proġett ta' riċerka jista' jkun affettwat peress li, mid-data tal-ħruġ, l-organizzazzjoni tar-Renju Unit mhux se tkun aktar eliġibbli għall-finanzjament tal-UE taħt l-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie.

Madankollu, il-Kummissjoni ppreżentat proposta leġiżlattiva biex tindirizza s-sitwazzjoni. Jekk dik il-proposta tiġi adottata u jekk ir-Renju Unit jissodisfa ċerti kundizzjonijiet, il-proġett jista' jkompli jiġi ffinanzjat fl-2019.

Għandek tinnota li l-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie ser ikomplu jappoġġaw lir-riċerkaturi fi Stat Membru tal-UE<sup>4</sup> jew f'pajjiż mhux tal-UE li huwa assoċjat mal-programm Orizzont 2020.

Għandek tiċċekkja dan mas-superviżur tiegħek u mal-uffiċjal tal-proġett dedikat fl-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea.



## Jien volontier jew persuna li tibbenefika minn intership jew impjieg offrut taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Nista' nibqa' nwettaq l-intership tiegħi jekk dan iseħħ fir-Renju Unit jew jekk tkun involuta organizzazzjoni tar-Renju Unit?

L-intership taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jista' jkun affettwat peress li, mid-data tal-ħruġ, l-organizzazzjoni tar-Renju Unit mhux se tkun aktar eliġibbli għall-finanzjament taħt dak il-programm.

Madankollu, il-Kummissjoni ppreżentat proposta leġiżlattiva biex tindirizza s-sitwazzjoni. Jekk din il-proposta tiġi adottata u jekk ir-Renju Unit jissodisfa ċerti kundizzjonijiet, il-proġett jista' jkompli jiġi ffinanzjat fl-2019.

Għandek tiċċekkja dan mal-organizzazzjoni li qed tipprovdi l-finanzjament għall-intership tiegħek.

<sup>2</sup> <https://ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/node/2105>

<sup>3</sup> [https://ec.europa.eu/programmes/creative-europe/contact\\_en](https://ec.europa.eu/programmes/creative-europe/contact_en)

<sup>4</sup> F'dan il-kuntest, "UE" tfisser is-27 Stat Membru tal-UE wara li r-Renju Unit joħroġ mill-Unjoni.



■ L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

© L-Unjoni Ewropea, 2019

L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat kemm-il darba jissewma s-sors oriġinali.

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

Print ISBN 978-92-76-00328-1 doi:10.2775/27830

PDF ISBN 978-92-76-00285-7 doi:10.2775/56463

NA-01-19-224-MT-C

NA-01-19-224-MT-N